**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 28 ta' Ġunju 2022**

**Avviż Numru 89/2019**

**Princess Holdings Limited**

**Vs**

**Katica Babic**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-soċjeta` attriċi ppreżentat fl-10 ta' Mejju 2019 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' tmint elef, sitt mija u sebgħin ewro (€8,670) rappreżentanti ammont bilanċjali dovut fuq il-prezz ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ 761 u dan skont *hire and purchase agreement* datat 19 ta' April 2018 ;

Rat ir-risposta tal-konvenuta ppreżentata fil-11 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti :

*1.Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante inter alia:*

*a. illi fl-ewwel lok l-iskrittura li fuqha qiegħda tiġi bbażata l-pretensjoni tar-rikorrenti ma hijiex legalment infurzabbli peress li jeżistu numru ta' irregolaritajiet li jwasslu għal nuqqas ta' buona fede fil-konfront tagħha bi ksur ta' drittijiet fondamentali li għandhom jiġu rispettati f'negozju ta' dan it-tip fil-konfront tal-esponenti qua konsumatur u dan kemm taħt il-protezzjoni speċjali tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll taħt il-Liġi Ċivili u propju minħabba dawn l-irregolaritajiet r-rikorrenti qiegħda abbużivament u inġustament titlob dan l-allegat ħlas mingħand ir-rikorrenti;*

*b.	illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tieni lok, għalkemm bejn il-partijiet saret skrittura privata, din hija waħda invalida fil-fatt u fid-dritt, stante illi l-intenzjoni komuni li permezz tagħha saret din l-iskrittura kienet nieqsa fil-prinċipju u għalhekk tali skrittura ma hijiex waħda valida u per konsegwenza lanqas ma hija infurzabbli. Illi kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, "Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma 'dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher car mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet." (Artikolu 1003 tal-Kap 16) kif anki kkonfermat mil-qrati tagħna bħal fil-kawża 'Giuzeppa Camenzuli et vs Grazia Refalo et' (7/9/1964 Prim' Awla)*

*c.	illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, illi fuq prinċipju ta' buona fede qatt ma ġie spjegat, dikjarat u/jew moqri lill-esponenti l-kontenut tal-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet, u tali mankanza tenut kont taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ sar purament b'mod abbużiv u b'ingann versu l-esponenti li b'nuqqas ta' konsapevolezza ffirmat l-iskrittura bi ksur tad-drittijiet tagħha qua konsumatur taħt il-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u anki ai termini tal-Liġi Ċivili;*

*d.	illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante inter alia li l-istess rikorrenti naqset li tonora l-obbligi minnha assunti li anki wasslu biex il-vettura tiġi ritornata fil-pussess tar-rikorrenti u di fatti il-vettura mertu tal-kawża tal-għamla Peageot 107 (AQZ761) tinsab fil-pussess tar-rikorrenti sa minn Jannar 2019.*

*2.	Illi sussidjarjament u mingħajr ebda preġudizzju għas-suespost, fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mill-attriċi huwa wieħed eżaġerat u eċċessiv.*

*3.	Illi għalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Illi permezz ta' rikors ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2022 is-soċjeta` attriċi talbet korrezzjoni fis-somma mitluba sabiex din tiġi ridotta għal ħamest elef, tmien mija u sebgħin ewro (€5870), liema talba ġiet milqugħa;

Semgħet lix-xhieda prodotti ;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ra n-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet ;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għal sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi jirriżulta illi fid-19 ta' April 2018 is-soċjeta` attriċi u l-konvenuta iffirmaw *hire and purchase agreement* fir-rigward tal-vettura tal-għamla Peugeot 107 bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ 761.[1] Illi l-ftehim dwar il-pagament tal-istess vettura kien illi l-konvenuta tħallas mija u sebgħin ewro (€170) fix-xahar għal total ta' għaxart elef u mitejn ewro (€10,200).

**Thorne Mangion**, *manager* mas-soċjeta` attriċi, xehed illi l-konvenuta kienet aċċettat li tħallas is-somma ta' €10,200 għall-vettura in kwistjoni. Kienet aċċettat ukoll li tħallas għall-polza ta' assikurazzjoni għall-perjodu minn April 2018 sa April 2019 għall-ammont ta' tliet mija u ħamsa w sittin ewro (€365). Spjega wkoll illi l-konvenuta għamlet disa' pagamenti sa Diċembru 2018 għall-ammont ta' elf, ħames mija u tletin ewro (€1530). Spjega illi f'Jannar 2019 huma kellhom iġeddu l-liċenzja minn Frar 2019 sa Jannar 2020. Siccome` l-konvenuta kienet diġa ħallset sa April 2019 huma talbuha ħlas pro-rata minn Mejju 2019 sa Jannar 2020 pero` hija rrifjutat li tagħmel dan u nfurmathom li ma kinitx se tagħmel pagamenti oħra għall-prezz tal-vettura. Qal ukoll illi xi ġimgħat wara s-soċjeta` attriċi ġiet infurmata mill-konvenuta li kienet ħalliet il-vettura fil-parkeġġ tal-Ajruport u għalhekk l-istess vettura inġabret mis-soċjeta` attriċi pero' kienet għadha ma nbiegħetx.

In kontro-eżami spjega li l-klijenti jkunu diġa tkellmu mas-*salesman* ġox-*showroom* u wara huwa jiddraftja l-kuntratt.

**Luke Milton,** impjegat fix-*showroom* ta' No Deposit Cars Malta stqarr illi huwa kien involut fil-*customer care,* ġbir ta' pagamenti u affarijiet amministrattivi oħra fir-rigward ta' bejgħ ta' vetturi bi ftehim *hire and purchase*. Spjega li meta f'Jannar 2019 huwa kien ċempel lill-konvenuta biex tmur tiġbor il-liċenzja u l-assikurazzjoni u tħallas ammont pro-rata għall-assikurazzjoni minn Mejju 2019 sa Jannar 2020, hija nsistiet li ma kellha tħallas xejn stante li kienet diġa' ħallset għal perjodu ta' sena assikurazzjoni. Spjega illi xi ġimgħat wara ġew infurmati li l-konvenuta ma riditx tibqa' tħallas il-pagamenti mensili u li kienet ħalliet il-vettura fil-parkeġġ tal-Ajruport u għalhekk kien hu stess li mar ġabar il-vettura.

[1] Dok 1 a fol. 3 *et sequitur*

In kontro-eżami x-xhud spjega illi li kieku l-konvenuta riedet kopja tal-polza tal-assikurazzjoni li kienet ħallset għaliha, ma kienx ikun hemm ebda problema biex din tingħata.

**Il-konvenuta** xehdet illi hija kienet rat reklamata l-vettura in *kwistjoni* għall-prezz ta' erbat elef u disa' mitt ewro (€4,900). Għalhekk fis-17 ta' April 2018 hija marret fix-*showroom* tas-soċjeta` No Deposit Cars Malta, rat il-vettura li kienet reklamata u ġiet mistoqsija kif kienet se tħallasha, u cioe` jekk hux f'daqqa jew f'rati mensili. Hija infurmat lill-impjegata li kien hemm fuq il-post li kienet se tħallas il-prezz f'rati u ġiet infurmata li kellha terġa' tmur wara jumejn biex tiffirma l-kuntratt. Meta fid-19 ta' April 2018 reġgħet marret fix-*showroom* hija ġiet ippreżentata b'kuntratt fejn irrealizzat li l-prezz tal-vettura kien ġie mibdul, u cioe` kien ferm iktar minn dak reklamat. Meta staqsiet dwar dan il-fatt hija ġiet infurmata li l-prezz kien inbidel peress li hija kienet se tħallas bin-nifs. Tispjega li qabel iffirmat il-kuntratt hija staqsiet lil ċerta Marilyn Pisani jekk l-assigurazzjoni li kienet se tħallas kinitx tkopri sena sħiħa u l-impjegata wieġbet fl-affermattiv. Madanakollu hija tispjega li qatt ma ngħatat kopja tal-polza ta' assikurazzjoni. Tispjega li meta ngħatat il-kuntratt hija talbet lil Pisani biex tieħu l-kuntratt id-dar magħha biex tkun tista' taqrah bil-kwiet, madanakollu Pisani qaltilha li kellha tiffirma dak il-ħin għaliex kien hemm persuni oħra jistennew warajha. Tispjega li f'Diċembru 2018 hija kienet ġiet mitluba tħallas l-assikurazzjoni u l-liċenzja u hija nfurmathom li diġa' kienet ħallset għal sena. Għalhekk hija ħadet parir legali u bagħtitilhom ittra legali. Tispjega li fl-14 ta' Jannar 2019 ċemplilha persuna mis-soċjeta` No Deposit Cars fejn talabha l-ħlas tal-assikurazzjoni, tal-liċenzja u tar-rata mensili. Hija nfurmatu li kienet qed tistenna risposta mingħandhom għall-ittra legali mibgħuta lilhom. Meta sema' hekk din il-persuna bdiet tidgħi u tgħajjat u qaltilha li xorta trid tħallas u li ma jimpurathomx mill-ittra. Għalhekk fit-23 ta' Jannar 2019 hija rritornat il-vettura ġewwa l-parkeġġ tal-Ajruport u tat iċ-ċwievet, flimkien ma' ittra legali oħra lir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi fl-uffiċju tal-Ajruport.

In kontro-eżami l-konvenuta stqarret illi s-*saleswoman,* ċerta Pisani, kienet poġġiet ċerta pressjoni fuqha biex tiffirma għax qaltilha li kienet diġa' ppreparat il-karti kollha u li kien hemm hemm ħafna nies warajha jistennew. Mistoqsija jekk kellhiex xi problemi sad-data li hija waqfet tħallas, il-konvenuta spjegat li kellha problemi mekkaniċi pero` kienet irranġathom hi. Hija stqarret li kienet ċerta li ħallset

polza ta' assikurazzjoni għal sena sħiħa u dan ġie konfermat ukoll minn Pisani.

**Karin Cremona,** uffiċjal ta' Transport Malta, spjegat illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ 761 bidlet in-numru ta' reġistrazzjoni tagħha għal CAN 962 fis-6 ta' Frar 2019 u esebiet dokumenti li juru d-dettalji tal-vettura in *kwistjoni* u wkoll dettalji ta' kull darba li ġiet trasferita minn sid għal ieħor.

**Ikkunsidrat :**

Illi s-soċjeta` attriċi pproċediet b'din il-kawża abbażi ta' ksur ta' ftehim ta' *hire and purchase* li ffirmat il-konvenuta għax-xiri ta' vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AQZ 761.

Għall-aħjar intendiment tal-ftehim, qed tiġi riprodotta hawn taħt il-parti rilevanti ta' klawsola 7 tal-kuntratt *de quo*, u *cioe`* dik li titratta dwar *« Default, Termination and Withdrawal » :*

*"7.1.Without prejudice to any rights that the Owner may have according to law the parties agree that in case of:*

*7.1.1. Default in the punctual payment of any three (3) instalments by the Hirer, whether consecutive or not, and whether or not the Hirer is called upon by the Owner by any means to affect payment;*

*7.1.2. a breach of any condition of this agreement by the Hirer;*
*the Owner shall demand immediate payment of the outstanding balance, including all interest due till date of effective payment, all other fees and charges that may have incurred and all other expenses the Owner may have incurred, including towage costs and legal expenses.*

*7.2. The parties further agree that if the Hirer does not affect full and immediate payment in accordance with clause 7.1 within thirty (30) days, which shall run from the day the Owner calls upon the Hirer to affect such payment, this agreement shall be terminated ipso jure and the Owner shall be entitled to request the Hirer, who shall comply therewith, to restore immediate possession of the Motor Vehicle to the Owner, without prejudice to any claim for damages, saving wear and tear consistent with the period of use. Furthermore, the Owner shall be entitled to claim the difference between the outstanding balance due by the Hirer in terms of this agreement and the price of the Motor Vehicle*

*as resold after the possession is restored in terms of this sub-clause, without prejudice to any changes, fees and interest accrued.*
*7.2.1. The Hirer irrevocably authorizes the Owner to retrieve the physical possession of the Motor Vehicle and to do all that is necessary to change the registration of the Motor Vehicle onto the name of the Owner if the Hirer does not comply with the request to return possession of the Motor Vehicle to the Owner within five (5) calendar days.*

*7.2.2. The parties agree that if the Hirer refuses or otherwise impedes the physical retrieval of the Motor Vehicle by the Owner as explained in the foregoing sub-clause, the Hirer shall be liable to pay the Owner a daily penalty of twenty-five Euro (€25) which shall run from the sixth (6th) calendar day following the day of demand in accordance with clause 7.2. These penalties shall be without prejudice to the Owner's rights in accordance with the foregoing sub-clauses."*

Illi għalhekk minn qari ta' din il-klawsola jirriżulta illi l-partijiet ftehmu illi jekk il-konvenuta tkun moruża fi tliet (3) pagamenti, is-soċjeta` attriċi kellha dritt titlob il-ħlas tal-bilanċ sħiħ b'mod immedjat. Qablu wkoll li jekk il-konvenuta, meta hekk mitluba li tħallas il-bilanċ f'daqqa, ma tagħmilx hekk fi żmien tletin (30) ġurnata, allura l-kuntratt jiġi terminat *ipso iure* u s-soċjeta` attriċi tkun tista' titlob lill-konvenuta biex tirritorna l-pussess tal-vettura, u dan mingħajr ebda preġudizzju għal xi talba għad-danni. Iktar minn hekk, ġie stipulat illi s-soċjeta` attriċi jkollha d-dritt titlob id-differenza bejn il-bilanċ dovut u l-prezz li l-vettura tiġi eventwalment mibjugħa bih.

Illi jirriżulta li l-problemi qamu meta f'Diċembru 2018 is-soċjeta` attriċi talbet lill-konvenuta tħallas ammont sabiex ikopri l-polza tal-assikurazzjoni minn Mejju 2019 sa Jannar 2020 u l-liċenzja għas-sena 2019. Il-konvenuta insistiet mas-soċjeta` attriċi li ma kellhiex tħallas dan l-ammont għaliex hija kienet diġa ħallset għal sena assikurazzjoni.

Illi l-konvenuta tiddefendi ruħha mill-pretensjonijiet tas-soċjeta` attriċi billi ssostni illi l-ftehim li hija ffirmat ma jistax jiġi enforzat legalment u dan għaliex il-kontenut tiegħu qatt ma ġie spjegat lilha. Hija ssostni li s-soċjeta` attriċi ma daħlitx fil-ftehim b'*buona fede* u li ma ġewx rispettati d-drittijiet tagħha taħt il-liġi tal-protezzjoni tal-konsumatur u l-liġi ċivili. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija ssostni li s-soċjeta` attriċi kisret l-obbligi assunti minnha fuq l-istess

ftehim in kwantu ma koprietx il-vettura in kwistjoni b'polza ta' assikurazzjoni. Iktar minn hekk il-konvenuta ssostni li s-soċjeta` attriċi ma pprovdithiex b'kopja tal-polza ta' assikurazzjoni. In vista ta' dawn il-fatti, il-konvenuta ssostni li għalhekk hija kienet ġustifikata meta tterminat il-ftehim u rritornat il-vettura lura lis-soċjeta` attriċi.

Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi għalkemm il-kopja tal-iskrittura li ġiet annessa mar-rikors promotur tidher li ġiet iffirmata biss mill-konvenuta, fl-ebda stadju ma' ġie kkontestat li l-ftehim in kwistjoni ġie effettivament milħuq u konkluż bejn il-partijiet.

Illi kif diġa' ġie aċċennat hawn fuq, il-konvenuta teċċepixxi illi hija ġiet ingannata għaliex ma ġiex spjegat lilha l-kontenut tal-ftehim u ma ngħatatx żmien xieraq biex tirrifletti fuq dak li kienet se tiffirma għalih. Hija ssostni li ġiet mgħaġġla biex tiffirma u ma ngħatatx l-opportunita` li tieħu l-kuntratt magħha d-dar sabiex taqrah sew qabel iffirmatu.

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti mhix tal-fehma illi l-konvenuta kienet b'xi mod kostretta fis-sens li trid il-liġi li tiffirma l-ftehim in kwistjoni. Jekk hija xtaqet li tifli iktar fid-dettal il-kuntratt u din l-opportunita` ma ġietx konċessa, hija dejjem kienet fil-liberta` li ma tiffirmax l-istess ftehim. Illi kkunsidrat il-fatt li, kif xehdet hi, l-prezz inbidel konsiderevolment minn dak li kien hemm reklamat, fl-opinjoni tal-Qorti hija kellha teżerċita iktar kawtela u ma taqbadx u tiffirma. Madanakollu hija għażlet li tiffirma l-ftehim minkejja d-diskrepanza fil-prezz. Il-konvenuta fl-ebda ħin ma xehdet illi hija talbet xi spjegazzjonijiet ulterjuri għajr ir-raġuni għala l-prezz kien inbidel, liema mistoqsija ġiet imwieġba mir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi. Illi l-Qorti tosserva illi lanqas ma pproduċiet bħala xhud lir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, ċerta Pisani, li kienet il-persuna li kienet qed tinnegozja magħha fuq il-vettura in kwistjoni. Mill-provi jirriżulta ċar għalhekk illi din l-eċċezzjoni ma' treġix.

Illi fir-rigward tal-kwistjoni tal-polza ta' assikurazzjoni, anke kieku stess il-konvenuta għandha raġun fil-pretensjoni tagħha, din ma kienet bl-ebda mod tiġġustifika li tonqos mill-obbligi assunti minnha fil-konfront tas-soċjeta` attriċi. Illi pero`, fil-fehma tal-Qorti, lanqas fuq dan il-punt il-konvenuta m'għandha raġun. Illi skont ma xehdet, hija kienet staqsiet lir-rappreżentant tas-soċjeta` attriċi jekk kinitx qed tħallas l-assikurazzjoni għal sena u cioe` minn April 2018 sa April 2019. Hija kellha tweġiba fl-affermattiv. Kif spjega Luke Milton huwa kkuntattja lill-konvenuta għall-ħlas tal-polza tal-

assikurazzjoni *pro rata* minn Mejju 2019 sa Jannar 2020. Kwindi l-konvenuta ma kinitx qed tintalab għal ħlas li kienet diġa għamlet iżda ħlas biex jiġi kopert perjodu li għalih hija ma kienet effettwat ebda ħlas.

Minn qari tal-ftehim esebit a fol. 3 *et sequitur* tal-proċess, il-Qorti tinnota illi fi klawsola 3 hemm stipulat illi **l-konvenuta kellha tieħu ħsieb li tara li tagħmel assikurazzjoni ghall-vettura u li hi kienet obbligata li tgħaddi kopja tal-istess lis-soċjeta` attriċi.**

Illi jirriżulta illi l-partijiet ma mxewx ma' dan il-ftehim stante li jirriżulta li kienet is-soċjeta` attriċi li ħadet ħsieb li tikseb polza ta' assikurazzjoni filwaqt li l-konvenuta ħallset għal tali polza. Ir-raġuni għala l-partijiet tbiegħdu minn dan il-ftehim ma tirriżultax. Li jirriżulta huwa li l-konvenuta xehdet illi meta hija kienet talbet għal kopja ta' tali polza ta' assikurazzjoni din ma ngħatatilhiex mis-soċjeta` attriċi. Illi jirriżulta wkoll illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri ġew esebiti mis-soċjeta` attriċi poloz ta' assikurazzjoni li jkopru l-perjodu meta l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenuta.

Illi minkejja dan, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita dak li qalet il-konvenuta, u *ċioe`,* li meta talbet għal kopja tal-istess polza din ma ngħatatilhiex mis-soċjeta` attriċi, dan anke għaliex meta s-soċjeta` attriċi ġiet interpellata permezz ta' ittra legali baqgħat inadempjenti.

Illi madankollu, ma jirriżultax illi b'dan l-aġir is-soċjeta` attriċi kienet qiegħda tikser xi klawsola tal-kuntratt għaliex fl-ebda klawsola tal-istess m'hemm xi obbligu li s-soċjeta` attriċi kellha tieħu ħsieb tkopri l-vettura b'xi polza ta' assikurazzjoni. Dan l-obbligu ġie assunt mill-konvenuta, pero`, għal xi raġuni s-soċjeta` attriċi ħadet l-inkarigu li tikseb polza ta' assikurazzjoni hi versu ħlas mingħand il-konvenuta.

Illi għalhekk meta f'Jannar 2019 il-konvenuta ddeċidiet li ma tibqax tħallas il-pagamenti maqbula mas-soċjeta` attriċi hija effettivament kisret l-obbligazzjonijiet assunti minnha u s-soċjeta` attriċi kellha kull dritt tipproċedi b'din il-kawża għall-bilanċ dovut minnha.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri rriżulta li l-vettura in kwistjoni inbiegħet fi Frar 2019, u ċioe` wara li l-konvenuta rritornatha lis-soċjeta` attriċi. Kien għalhekk li meta dan il-fatt ġie a konoxxenza ta' din il-Qorti, is-soċjeta` attriċi talbet li jkun hemm riduzzjoni fl-ammont reklamat mingħand il-konvenuta.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta Katica Babic tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' ħamest elef, tmien mija u sebgħin ewro (€5,870) bl-imgħaxijiet fuq l-istess somma mid-data tan-notifika tar-rikors promutur, u ċioe` mit-23 ta' Mejju 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**